

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/186**tas-6 ta' Frar 2015****li jemenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi għall-arseniku, il-fluworu, iċ-ċomb, il-merkurju, l-endosulfan u ż-żerriegħa tal-Ambrosja****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2002/32/KE tistipula li l-użu ta' prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali li fihom livelli ta' sustanzi mhux mixtieqa li jaqbu l-livelli massimi stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, huwa pprobit.
- (2) Dejta ġdida li ġiet provduta turi li l-livelli massimi preżenti tal-arseniku, tal-fluworu u taċ-ċomb ma jstgħux jintlaħqu f'arzell kalkaruż tal-baħar. Għaldaqstant huwa xieraq li jiżdiedu l-livelli massimi għall-arseniku, il-fluworu u iċ-ċomb f'arzell kalkaruż tal-baħar, sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' arzell kalkaruż tal-baħar għan-nutrizzjoni tal-annimali filwaqt li jinżamm livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa pubblika u tal-annimali.
- (3) L-industrija tal-ikel tal-annimali domestiċi tuża ħafna koprodotti u prodotti sekondarji tal-industrija tal-ikel bħala materja prima biex tipproduċi ikel għall-annimali domestiċi li joffri dieta bilanċjata għall-klieb u l-qtates li tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' amminoaċidi, karboidrati, proteini, minerali, mikroelementi u vitamini. Il-livelli massimi attwali ta' merkurju għal dawn il-koprodotti u prodotti sekondarji maħsuba għall-għalf tal-annimali huma aktar stretti mill-livell massimu ta' merkurju applikabbli għal-laħam tal-muskoli tal-ħut maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għaldaqstant hemm nuqqas fil-provvista ta' koprodotti u prodotti sekondarji bħal dawn konformi mal-livell massimu ta' merkurju għall-użu fl-ikel tal-annimali domestiċi, li jirriżulta fil-ħtieġa li jintuża ħut ta' daqs żgħir b'livell aktar baxx ta' merkurju għall-produzzjoni ta' ikel għall-annimali domestiċi, li jmur kontra l-prinċipji tas-sajd sostenibbli. Għalhekk huwa xieraq li jitnaqqas il-livell massimu ta' merkurju għall-ħut, annimali oħra akkwatiċi u prodotti derivati minnhom maħsuba għall-produzzjoni ta' għalf kompost għall-klieb, qtates, ħut ornamentali u annimali pilużi, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-annimali.
- (4) Valutazzjoni ta' dejta reċenti dwar il-preżenza tal-endosulfan f'materjali tal-għalf indikat li l-livelli massimi għall-livell ta' endosulfan fi żrieragħ taż-żejt u qamħirrum u prodotti dderivati minnhom jistgħu jitnaqqsu.
- (5) Nota f'qiegħ il-paġna dwar il-preżenza taż-żrieragħ tal-Ambrosja f'materjali tal-għalf ġiet mħassra bi żball mill-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1275/2013 ⁽²⁾. L-esperjenza wriet li jeħtieġ jissaħħu ċerti dispożizzjonijiet tan-nota f'qiegħ il-paġna sabiex jiġi evitat it-tixrid taż-żrieragħ tal-Ambrosja fl-ambjent. Għaldaqstant huwa xieraq li n-nota f'qiegħ il-paġna ta' dak l-Anness terġa' tiddaħħal.
- (6) Għalhekk id-Direttiva 2002/32/KE għandha tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽¹⁾ ĠUL 140, 30.5.2002, p. 10.⁽²⁾ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1275/2013 tas-6 ta' Diċembru 2013 li jemenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi għall-arseniku, il-kadmju, iċ-ċomb, in-nitriti, iż-żejt tal-mustarda volatili u impuritajiet botaniċi perikolużi (ĠUL 328, 7.12.2013, p. 86).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Emendi għall-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE

L-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Fir-Ringiela 1 tat-Taqsima I, Arseniku jinbidel b'dan li ġej:

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Kontenut massimu fmg/kg (ppm) relattiv għal għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
"1. Arseniku (1)	Materjali tal-għalf għajr għal:	2
	– magħlef magħmul minn ħaxix, minn xnien imnixxef u minn silla mnixxfa, u polpa mnixxfa tal-pitravi zokkrija u molassa mnixxfa tal-polpa tal-pitravi zokkrija;	4
	– espellent tal-qalba tal-palm;	4 (2)
	– fosfati, algi kalkarji tal-baħar;	10
	– karbonat tal-kalċju; karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju (10); arzelli kalkaruż tal-baħar	15
	– ossidu tal-manjeżju; karbonat tal-manjeżju;	20
	– ħut, annimali akkwatiċi oħrajn u prodotti derivati minnhom;	25 (2)
	– magħlef tal-alka u materjali tal-għalf li ġejjin mill-alka.	40 (2)
	Partikuli tal-ħadid użati bħala traċċatur.	50
	Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-grupp funzjonali ta' komposti ta' mikroelementi. bl-eċċezzjoni ta':	30
	– pentaidrat tas-sulfat kupriku; karbonat kupriku; diklorur tar-ram triidrossidu; karbonat ferruż;	50
	– ossidu taż-żingu; ossidu manganuż; ossidu kupriku.	100
	Għalf komplimentari bl-eċċezzjoni ta':	4
	– għalf minerali;	12
	– għalf komplimentari, għal annimali domestiċi, li fih ħut, annimali oħra akkwatiċi u prodotti derivati minnhom u/jew magħlef tal-alka u materjali tal-għalf derivati mill-alka;	10 (2)
	– formulazzjonijiet ta' forniment fit-tul ta' għalf għal għanijiet partikolari ta' nutriment b'konċentrazzjoni ta' mikroelementi aktar minn 100 darba l-kontenut massimu stabbilit f'għalf komplet;	30
	Għalf komplet bl-eċċezzjoni ta':	2
– għalf komplet għall-ħut u annimali pilużi;	10 (2)	
– għalf komplet, għal annimali domestiċi, li fih ħut, annimali oħra akkwatiċi u prodotti derivati minnhom u/jew magħlef tal-alka u materjali tal-għalf derivati mill-alka.	10 (2)	

(2) Ir-ringiela 3 tat-Taqsima I, Fluworu, ir-ringiela 4 tat-Taqsima I, Ċomb, u r-ringiela 5 tat-Taqsima I, Merkurju, jinbidlu b'dan li ġej:

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Kontenut massimu fmg/kg (ppm) relattiv għal għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
"3. Fluworu (7)	Materjali tal-għalf bl-eċċezzjoni ta':	150
	– materjali tal-għalf ta' orġini mill-annimali għajr krustaċji tal-baħar bħall-gambli; arzell kalkaruż tal-baħar;	500
	– krustaċji tal-baħar bħall-gambli;	3 000
	– fosfati;	2 000
	– karbonat tal-kalċju; karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju ⁽¹⁰⁾ ;	350
	– ossidu tal-manjeżju;	600
	– alka kalkarja tal-baħar.	1 000
	Vermikulit (E 561).	3 000
	Għalf kumplementari:	
	– li fih ≤ 4 % fosforu ⁽⁸⁾ ;	500
	– li fih > 4 % fosforu ⁽⁸⁾ .	125 għal kull 1 % fosfru ⁽⁸⁾
	Għalf komplet bl-eċċezzjoni ta':	150
	– għalf komplet għall-ħnieżer;	100
	– għalf komplet għat-tjur (ħliet għall-flieles) u għall-ħut;	350
	– għalf komplet għall-flieles;	250
	– għalf komplet għall-baqar, għan-nagħaġ u għall-mogħoż	
	– – li qed iredgħu;	30
– – oħrajn.	50	
4. Ċomb ⁽¹¹⁾	Materjali tal-għalf bl-eċċezzjoni ta':	10
	– faxxina ⁽³⁾ ;	30
	– fosfati, algi kalkarji tal-baħar u arzell kalkarju tal-baħar;	15
	– karbonat tal-kalċju; karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju ⁽¹⁰⁾ ;	20
	– ħmejjer.	5
	Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-grupp funzjonali ta' komposti ta' mikroelementi.	100
	bl-eċċezzjoni ta':	
	– ossidu taż-żingu;	400
	– ossidu manganuż, karbonat ferruż, karbonat kupriku.	200
	Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali ta' aġenti leganti u dawk antiagglomeranti	30
bl-eċċezzjoni ta':		
– klinoptilolit ta' orġini vulkanika; natrolite-fonolite;	60	
Taħlitiet ippreparati minn qabel ⁽⁶⁾	200	

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Kontenut massimu f'mg/kg (ppm) relattiv għal għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
	Għalf komplimentari bl-eċċezzjoni ta':	10
	– għalf minerali;	15
	– formulazzjonijiet ta' forniment fit-tul ta' għalf għal għanijiet partikolari ta' nutriment b'konċentrazzjoni ta' mikroelementi aktar minn 100 darba l-kontenut massimu stabbilit f'għalf komplet;	60
	Għalf komplet.	5
5. Merkurju ⁽⁴⁾	Materjali tal-għalf bl-eċċezzjoni ta':	0,1
	– ħut, annimali akkwatiċi oħrajn u prodotti derivati minnhom;	0,5 ⁽¹³⁾
	– karbonat tal-kalċju; karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju ⁽¹⁰⁾ ;	0,3
	Għalf kompost bl-eċċezzjoni ta':	0,1
	– għalf minerali;	0,2
	– għalf kompost għall-ħut;	0,2
	– għalf kompost għal klieb, qtates, ħut ornamenti u annimali pilużi.	0,3"

(3) In-nota tal-aħħar 13 li ġejja hija miżjuda fl-aħħar tat-taqsimi I:

"⁽¹³⁾ il-livell massimu huwa applikabbli abbażi tal-piż imxarrab ta' ħut, annimali oħra akkwatiċi u prodotti derivati minnhom maħsuba għall-produzzjoni ta' għalf kompost għal klieb, qtates, ħut ornamenti u annimali pilużi."

(4) Ir-ringiela 6 tat-Taqsimi I, Endosulfan tinbidel b'dan li ġej:

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Kontenut massimu f'mg/kg (ppm) relattiv għal għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
"6. Endosulfan (is-somma ta' isomeri alfa u beta u ta' endosulfansulfat espressa bħala endosulfan)	Materjali tal-għalf u għalf kompost bl-eċċezzjoni ta':	0,1
	– żerriegħa tal-qoton u prodotti derivati mill-ipproċessar tagħha, għajr żejt mhux raffinat taż-żerriegħa tal-qoton	0,3
	– fażola tas-sojja u prodotti derivati mill-ipproċessar tagħha, għajr żejt mhux raffinat tal-fażola tas-sojja	0,5
	– żejt tal-ħxejjex mhux raffinat	1,0
	– għalf komplet għall-ħut għajr għal <i>Salmonids</i>	0,005
	– l-għalf komplet għal <i>Salmonids</i>	0,05"

(5) Taqsima VI: Impuritajiet Botaniċi Perikolużi tinbidel b'dan li ġej:

"IT-TAQSIMA VI: IMPURITAJIET BOTANIĊI PERIKOLUŻI

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Kontenut massimu f'mg/kg (ppm) relattiv għal għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
1. Żerriegħa tal-ħaxix selvaġġ u frott mhux mitħun u mhux misħuq li fih alkaloidi, glukosidi jew sustanzi tossiċi oħra separatament jew inkella flimkien inklużi – <i>Datura</i> sp	Materjali tal-għalf u għalf kompost	3 000 1 000
2. <i>Crotalaria</i> spp	Materjali tal-għalf u għalf kompost	100
3. Żrieragħ u qxur ta' <i>Ricinus communis</i> L., <i>Croton tiglium</i> L. u <i>Abrus precatorius</i> L. kif ukoll id-derivattivi pproċessati tagħhom ⁽¹⁾ , separatament jew inkella flimkien	Materjali tal-għalf u għalf kompost	10 ⁽²⁾
4. Ġewż tal-fagu mingħajr qoxra — <i>Fagus sylvatica</i> L.	Materjali tal-għalf u għalf kompost	Żerriegħa u frott kif ukoll id-derivati pproċessati tagħhom jistgħu jkunu preżenti fl-għalf f'ammonti mikro li ma jistgħux ikunu ddeterminati kwantitattivament
5. Purgera — <i>Jatropha curcas</i> L.	Materjali tal-għalf u għalf kompost	Żerriegħa u frott kif ukoll id-derivati pproċessati tagħhom jistgħu jkunu preżenti fl-għalf felementi traċċa li ma jistgħux ikunu ddeterminati kwantitattivament
6. Żrieragħ ta' <i>Ambrosia</i> spp.	Materjali għall-għalf ⁽³⁾ bl-eċċezzjoni ta': – Qaraboċċ (granuli ta' <i>Panicum miliaceum</i> L.) u sorgu (granuli ta' <i>Sorghum bicolor</i> (L) Moench s.l.) li ma jingħalfux direttament lill-annimali ⁽³⁾ Għalf kompost li fih granuli u żrieragħ mhux mitħuna	50 200 50
7. Żrieragħ ta' — Mustarda Indjana — <i>Brassica juncea</i> (L.) Czern. and Coss. ssp. <i>integrifolia</i> (West.) Thell. — Mustarda Sareptjana — <i>Brassica juncea</i> (L.) Czern. and Coss. ssp. <i>juncea</i> — Mustarda Ċiniża — <i>Brassica juncea</i> (L.) Czern. and Coss. ssp. <i>juncea</i> var. <i>lutea</i> Batalin	Materjali tal-għalf u għalf kompost	Żrieragħ jistgħu jkunu preżenti biss fl-għalf felementi mikro li ma jistgħux jiġu ddeterminati kwantitattivament

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Kontenut massimu fmg/kg (ppm) relattiv għal għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
— Mustarda sewda — <i>Brassica nigra</i> (L.) Koch — Mustarda Etjopjana — <i>Brassica carinata</i> A. Braun		

(¹) Kemm-il darba wieħed ikun jista' jiddetermina dan permezz tal-mikroskopija analitika.

(²) Inkluż ukoll il-frak tal-qoxra taż-żerriegħa.

(³) F'każ li tingħata evidenza inekwivoka li l-granuli u ż-żrieragħ huma maħsuba għat-tħin jew għas-sħiq, ma hemmx il-ħtieġa li l-granuli u ż-żrieragħ li fihom livelli mhux konformi ta' żrieragħ *Ambrosia* spp. jitnaddfu qabel it-tħin jew is-sħiq sakemm:

- il-konsenja tkun ittrasportata fit-totalità tagħha lejn l-impjant tat-tħin jew tas-sħiq, u l-impjant tat-tħin jew tas-sħiq ikun informat minn qabel dwar il-preżenza ta' livell għoli ta' żrieragħ ta' *Ambrosia* spp. sabiex jittieħdu miżuri ta' prevenzjoni oħra biex jiġi evitat it-tixrid fl-ambjent, u
- jingħataw provi sodi tal-miżuri ta' prevenzjoni li ttieħdu sabiex jiġi evitat it-tixrid taż-żrieragħ tal-*Ambrosia* spp fl-ambjent waqt it-trasport lejn l-impjant tas-sħiq jew tat-tħin, u
- l-awtorità kompetenti taqbel mat-trasport, wara li jkun żgurat li l-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq huma ssodisfati.

F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati, il-konsenja għandha titnaddaf qabel kull trasportazzjoni fl-UE u t-tnaqqija għandha tinqed adegwatament."